## Xi Niċeċ li nsibu fit-toroq ta' Ħad-Dingli

| L-Annunzjata fi Triq il-Kbira | San Ġużepp fi Triq il-Kbira | San Pawl fi Triq il-Maddalena |
|---|---|---|
|  |  |  |

"Il-Leġjun ta' Marija juri l-wiċċ veru tal-Knisja Kattolika" Papa San Ġwanni XXIII

**Laqgħat tal-*Praesidium* f'Ħad-Dingli għan-nisa u rġiel**

**Jum**: Kull nhar ta' Erbgħa

**Ħin**: 4:45 pm

**Post**: Fiċ-Ċentru Parrokkjali





Fuljett maħruġ mill-Praesidium

# Marija Mtellgħa s-Sema
## Ħad-Dingli

Jiena kollni tiegħek, Sultana u Omm tiegħi

Leġjun ta' Marija

Ħarġa Nru. 8
2024



### *MAGNIFICAT: RUĦI TFAĦĦAR IL-KOBOR TAL-MULEJ*

**Għeżież**,

Min jaf kemm-il darba tlabna jew kantajna dan il-kliem ta' ferħ, il-*Magnificat*, li l-Evaġelista San Luqa imur ipoġġi f'qalb u f'ħalq Sidtna Marija, li meta żaret lil Eliżabetta, lissnitu bħala tweġiba għall-kliem ta' ferħ u tifħir li din għamlitilha! (Lq. 1:46-55). Tassew kliem, jew aħjar innu, li l-Knisja tlissnu diversi drabi waqt iċ-ċelebrazzjonijiet nsara, speċjalment fil-Liturġija tas-Siegħat: fil-Punent huwa l-aktar talba li titkanta filgħaxija: fl-Għasar; filwaqt li fil-Lvant, normalment jingħad fit-Tifħir tal-Ħadd filgħodu. Biss tajjeb li dan il-kantiku, apparti li napprezzaw il-popolarità tiegħu u nibqgħu nitolbuh bil-qalb, ta' min nippruvaw nifhmuh sabiex ngħożżuh aktar.

L-ewwelnett, ejjew nagħrfu li dan il-kantiku hu marbut ħafna ma' diversi siltiet Bibbliċi tal-Antik Testment; bl-aktar referenza ċara tkun l-Għanja ta' Anna, omm Samwel (1 Samwel 2:1-10). Meta narawhom jew nisimgħuhom flimkien tassew naslu ngħidu li dawn iż-żewġ innijiet jixxiebhu ħafna u donnu li *ż-żewġ* ommijiet jitkellmu bl-istess lingwaġġ: Anna ma setax ikollha tfal, talbet lill-Mulej u fl-għaqda tal-imħabba mar-raġel tagħha, welldet lil dan it-tifel li mbagħad semmietu Samwel: *Alla jisma'*, u tagħtu lill-Mulej: meta jikber hu jsir profeta kbir u jidlek lil David sultan. Mentri Marija, li tnissel mingħajr il-koperazzjoni ta' raġel, tnissel bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. It-tnissil fi ħdan Marija huwa frott ta' kemm il-Mulej sema' l-għajta tal-poplu tiegħu *(ikompli f'paġna 2)*

Nistgħu ngħidu li waqt li qed tkanta dan l-innu, il-Madonna ġġorr fil-ġuf tagħha, din it-tarbija Ġesù, *Alla jsalva*, hija wkoll frott ta' kemm il-Mulej jisma' t-talb tagħna. Hija tirrealizza, bħalma rrealizzat omm Samwel, li l-wild li qed iġġorr fil-ġuf u li se twelled huwa frott l-inizjattiva ta' Alla biex jeħles lill-poplu tiegħu.

U dan il-ħelsien iseħħ fuq kollox bis-servizz u bit-tifħir lil Alla. L-evanġelista San Luqa jirrakkonta l-istess ħajja ta' Kristu bħala telgħa, lejn Ġerusalemm, imkien fejn ta lilu nnifsu fuq is-salib, u bl-istess mod jiddeskrivi il-mixja ta' Marija minn Nażaret għal Għajn Karem, ftit bogħod minn Ġerusalemm. Insomma, Ġesù u Marija bħaldonnu jterrqu l-istess triq: 2 ħajjiet li jitilgħu fl-għoli, jigglorfikiaw lil Alla waqt li jaqdu lil Alla. Ġesù bħala Redentur li jagħti ħajtu għalina, għall-ġustifikazzjoni tagħna; Marija bħala qaddejja li tmur isservi: żewġ ħajjiet li jservu u jfaħħru u hekk jegħlbu l-mewt u jirxuxtaw.

Aħna nitilgħu 'l fuq kull meta nitbaxxew biex naqdu lill-ħutna: l-imħabba sseddaq il-ħajja. B'das-servizz tassew inkunu qed "nogħlew 'il fuq". Però, is-servizz jirriskja li jsir sterili mingħajr *it-tifħir* lil Alla. *It-tifħir* iseddaq il-ferħ u jixbaħ sellum: jerfa' l-qlub 'il fuq u jegħleb it-tentazzjoni li nċedu. Kemm jagħmel tajjeb li ngħixu bil-gratitudni u l-barka minflok bir-rimors u t-tgemgim! Għalhekk infaħħru u naqdu għax din hija s-saħħa spiritwali tagħna!

Ħa tkun l-Omm tagħna Marija li tgħinna nkunu f'sikkitna u nintrefgħu 'il fuq kuljum permezz tas-servizz u t-tifħir, u tgħallimna bis-sħiħ sabiex bħalha nkantaw bil-ferħ:

***Magnificat anima mea Dominum.***

Kan. David Farrugia
Arċipriet





## Membri Leġjunarji fit-triq tal-Qdusija

### Il-Venerabbli Edel Quinn

Il-kbira minn ħames ulied, Edel Mary Quinn twieldet Kantuk, l-Irlanda fil-ġurnata ta' l-eżaltazzjoni tas-salib nhar is-sibt l-14 ta' Settembru, 1907. Ġiet mgħammda fit-18 ta' Settembru. Fiż-żgħożija tagħha kienet tħobb ħafna l-isports. Sħabha kienu jiddiskrevuha bħala persuna li tħobb il-ħajja. Studjat il-kummerċ u ta' 20 sena daħlet taħdem bħala segretarja. F'dan il-perjodu ta' żmien bdiet tħoss tqanqiliet spiritwali fil-ħajja tagħha u daħlet membru fil-Leġjun ta' Marija.

Kellha xewqa kbira biex tidħol fil-ħajja kontemplattiva. Fl-1932 meta kienet se tidħol soru fil-ħajja kontemplattiva, hija mardet serjament u qattgħet żmien twil l-isptar. Wara li ħarġet mill-isptar hija kompliet bil-ħidma leġjunarja imma b'detriment għal saħħitha.

Fl-1936, Edel ġiet maħtura bħala mibgħut speċjali fl-Afrika fil-pajjiżi bħal Kenya, Tanzania, Zambia u Maritius. Minkejja l-istat ta' saħħitha u l-kundizzjonijiet diffiċli tal-postijiet hija għelbet tant u tant diffikultajiet f'din il-ħidma. Hija kellha fidi tremenda f'Alla u fil-għożża materna tal-Madonna.

Edel kellha viżjoni kbira u persuna prattika ħafna. Kellha d-don tal-organizazzjoni, ħeġġa tremenda li tilħaq l-iskop aħħari u empatija profonda. B'dawn il-kwalitajiet tant għonja, ħafna nies inġibdlu lejha.

Minkejja d-dgħufija ta' saħħa, Edel Quinn rnexxilha twaqqaf il-Leġjun ta' Marija fil-postjiet li hija żaret bħal il-Mauritius, fl-Oċjean Indjan. Waqqfet mijiet ta' fergħat tal-Leġjun tant li eluf ta' Afrikani resqu bi ħġarhjom lejn il-Knisja Kattolika u kkonvertew.

Wara tmien snin ta' ħidma erojka bħala missjunarja lajka fi ħdan il-Leġjun ta' Marija, fl-età ta' 36 sena, Edel mietet ġewwa Nairobi, l-Kenya, fit-12 ta' Mejju 1944 fejn qiegħdha midfuna fiċ-Ċimiterju ta' Santu Wistin, Nairobi.

Il-kawża għal beatifikazzjoni tagħha infeħet fl-1957 mill-Arċisqof ta' Nairobi. Ġiet dikjarata Venerabbli mill-Papa San Ġwann Pawlu II fil-15 ta' Diċembru, 1994.

## Talba ta' Saċerdot il-Ħadd filgħaxija – Michel Quoist



Illejla ninsab waħdi, Mulej.
In-nies ħarġu mill-Knisja u erġajt lura d-dar... waħdi.
Fit-triq iltqajt ma' familji ġejjin lura mill-ħarġa tal-Ħadd.
Xi tfal jilgħabu l-ballun ħabtu miegħi... tfal li qatt ma jista' jkolli.
Hawn jien Mulej, fil-ħemda ta' kamarti, is-skiet qed jagħfas fuqi.
Qed nikber fl-età. Bħal kull raġel fl-età tiegħi, ġismi lest biex jaħdem, qalbi lesta li tħobb.
Tajtek kollox... imma llum qed inħoss l-ebusija ta' din l-offerta.

Ħaġa iebsa tagħti ġismek, waqt li ġismek m'hu ta' ħadd...
Ħaġa iebsa tħobb lil kulħadd, waqt li tiegħek m'huwa ħadd...
Ħaġa iebsa tagħfas id persuna, mingħajr ma' tibqa' żżommha....
Ħaġa iebsa ssaħħar in-nies wara l-Mulej, u lil ħadd warajk...
Ħaġa iebsa ma tkun xejn għalik innifsek, iżda kollox għal kulħadd.

Iżda nħoss il-Mulej iwieġeb:
"Le, Ibni, m'intix waħdek. Jien miegħek.
Minn dejjem ħlomt bik, għażiltek, ridtek Tiegħi.
Neħtieġ idejk biex nibqa' nbierek.
Neħtieġ fommok biex nibqa' nagħti kliem il-ħajja.
Neħtieġ ġismek biex nibqa' nbati.
Neħtieġ qalbek biex nibqa' nħobb.
Għandi bżonnok biex nitma' lil ħutek imġewwħin.
Ibqa' miegħi, Ibni!"

Hawn jien, Mulej.
Hawn hu ġismi, hawn hi qalbi, hawn hi ruħi.
Agħmel li nikber biżżejjed biex nilħaq lil kulħadd.
Li nkun b'saħħti biex inġorr lil kulħadd.
Li nkun safi biżżejjed biex ngħannaq lil kulħadd mingħajr ma' niggranfa lil ħadd.
Agħmel li ħajti tkun pjazza fejn kulħadd jiltaqa' imma ħadd ma jieqaf, triq li twassal biss għal għandek.

Illejla, Mulej, meta mħabbtek qed tweġġagħni,
meta mħabbet ħuti tagħfas fuqi,
nixtieq mill-ġdid ngħidlek "Iva",
forsi mhux bit-tbissima faċli ta' jum l-Ordinazzjoni,
imma llum, hawnhekk, quddiemek,
fis-skiet u l-ħemda ta' kamarti.



## It-Tbatija



Dan is-suġġett ma tantx nitkellmu fuqu għax id-dinja li ngħixu fiha tħajjarna ngħixu ħajja ta' kumdità u tpaxxija. Riklami u meżżi soċjali mimlija wegħdi kif tgħix komdu bla tbatija. Iżda l-verità hija l-bogħod ħafna minn hekk.

Ma ninsewx li t-tbatija daħlet minħabba d-dnub ta' Adam. Insibu fil-*Ġenesi Kap 3 v 17-19*, fejn Alla qal lil Adam *"Talli inti smajt minn kelmet martek u kilt mis-siġra li ordnajtlek ma tiekolx minnha u għedtlek 'La tikolx minnha,' misħuta l-art minħabba fik; bit-taħbit tiekol minnha, il-jiem kollha ta' ħajtek. Xewk u għolliq tnibbitlek, u int tiekol il-ħaxix selvaġġ. Bl-għaraq ta' ġbinek tiekol ħobżok, sakemm terga' lura lejn l-art, għax minnha int meħud. Għax trab int, u fit-trab terġa' tmur."*

Mela nagħmlu x'nagħmlu, it-tbatija hija parti mill-ħajja tal-bniedem. Imma s-sabieħ huwa li Alla bit-tbatija ta' Ibnu permezz tal-passjoni u l-mewt feda' l-umanità kollha.

Hemm żewġ kwalitajiet ta' tbatija: dik fiżika bħal mard u dik mentali bħal inkwiet.

Irridu noqgħodu attenti li t-tbatija ma nġibuhiex b'idejna stess. Tajjeb inkunu nafu li Alla qatt ma jibagħat tbatija bħal kastigi speċjalment fil-mard. Alla jippermetti t-tbatija dejjem għal ġid tagħna. **L-ewwel raġuni**: Jista' jkun li l-persuna qiegħdha tgħix bogħod minn Alla u għalhekk juża t-tbatija biex iressaqha lejH. **It-tieni raġuni**: Il-persuna hi qrib tiegħu u Hu jistieden lil din ir-Ruħ biex tkun parteċipi miegħu għas-salvazzjoni tal-erwieħ. Minn hawn naraw li t-tbatija qatt ma għandna nħarsu lejha bħala xi kastig minn Alla imma bħala opportunità biex nersqu lejn lejH.

Ħbieb, it-tbatija ta' din id-dinja tgħaddi imma l-premju ta' din it-tbatija huwa etern fil-ġenna.

**Albert Sammut**
**President**



## Meta morna 'l baħar

***Kitba ta' Joseph Muscat***

Ma kienx mument li ddeċidejna li mmorru l-baħar. Meta wasalna sibt li nsejt il-malja. Intfajt taħt ħajt inrewwaħ taħt qillet ix-xemx inlum lili nnifsi u nwaħħal f'dik u fl-oħra. F'ħin wieħed tfajjel li kien qed jilagħab fuq ir-ramel qata' saqajħ b'qieh ta' flixkun. Ġrejt għal ħdejh, erfajtu u ħadtu b'ġirja lejn l-eqreb Ċentru tas-Saħħa. Insejt li sa' ftit ħin ilu kont qed ingerger li kelli aptit nerġa' lura lejn id-dar!

Din l-esperjenza ħafna drabi tkun l-esperjenza tagħna llkoll. Aħna nippjanaw u f'daqqa waħda dak li nkunu tant ilna nitħabtu għalih isir duħħan. Nibdew imbagħad inwaħħlu f'elf ħaġa: għax xortina ħażina, għax għamlulna magħmul, għax il-Mulej insiena, u kantaliena ta' skużi oħra. Ma naħsbux li l-Mulej ikun qed imexxina fit-triqat tiegħU! Ħafna drabi t-triqat tal-Mulej jidhru strambi u mhux la kemm nifmuhom.

Darba, wieħed ħolom li kien miexi mal-Mulej fuq ir-ramel. Kull fejn mexa kien hemm il-passi tiegħu u l-passi tal-Mulej. Meta ġie fl-aħħar xena ħares lura u nduna li kien hemm par wieħed biss ta' passi. Induna wkoll li dawn kienu meta huwa kien l-aktar bżonn tal-Mulej. Dar fuq il-Mulej u qallu "Mulej, Inti wegħedtni li jekk nimxi warajK Int timxi miegħi t-triq kollha. Imma issa ndunajt li meta l-aktar li kelli bżonnok int ma kontx miexi miegħi." Il-Mulej ħares ħarsa ta' mħabba lejh u qallu "Ibni l-għażiż, jiena nħobbok u qatt mhu se nitilqek. Meta kont l-aktar bżonni int rajt par wieħed biss ta' passi. Dawk il-passi kienu tiegħi. Kont jiena li erfajtek - kont jiena li ġarrejtek!" (*minn* ***Footsteps in the sand***).

Kemm drabi jiġrilna li naħsbu li spiċċajna weħidna, li kulħadd insiena, li qed naqdfu weħidna. Jekk nieqfu ftit u nħarsu lura lejn ħajjitna, nindunaw li meta l-aktar li kellna bżonn l-għajnuna, kien il-Mulej li refagħna u ġarrna, li ħelisna minn tant perikli, li mlilna qalbna bit-tama meta kollox kien jidher mitmum. Kien il-Mulej li poġġiena fi triq li ma fhimniex is-sens li nkunu fiha, sakemm indunajna li dak kollu li jiġri f'ħajjtna ma jiġrix b'kumbinażżjoni.

Mela kuraġġ ħabib tiegħi. Qum u erġa ibda miexi fit-triq li ħajjilek il-Mulej.





## L-Artal

L-insara li bil-Magħmudija saru wlied Alla u membri fil-Familja tiegħu; jinġabru madwar l-Altar, għaċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Dan hu l-post li fuqu jsir preżenti s-sagrifiċċju tas-Salib, taħt is-sinjali Sagramentali; huwa wkoll il-mejda tal-Mulej, li għaliha huwa msejjaħ il-poplu t'Alla biex jieħu sehem minnha fil-Quddiesa; l-Altar huwa ċ-ċentru ta' radd il-ħajr li jsir permezz tal-Ewkaristija. (O.G.M.R. - 259).[1]

Peress li l-Altar huwa simbolu ta' Kristu, is-saċerdot ibusu b'sinjal ta' qima fil-bidu u fi tmiem il-Quddiesa u f'ċerti okkażjonijiet jinċensah. Anzi nistgħu ngħidu li Kristu nnifsu huwa l-Altar tas-Sagrifiċċju tar-Rabta l-Ġdida, għaliex il-Qalb Divina tiegħu, hija l-post fejn lil Alla tingħatalu l-aqwa qima u tpattija xierqa għad-dnubiet tal-bnedmin.

L-Altar huwa s-sinjal tal-offerta totali tal-ħajja tiegħu nnifsu li Kristu għamel lill-Missier tiegħu tas-Sema, u għalhekk fuq l-Altar jitqegħdu l-ħobż u l-inbid li jtellgħu l-insara u li mbagħad fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm tal-Mulej.

L-Altar huwa wkoll sinjal ta' għaqda u xirka fi Kristu, il-ħobż Ewkaristiku li minn fuqu huwa mogħti b'ikel lill-insara kollha, u b'hekk jingħaqdu ma' Kristu u jsiru ħaġa waħda bejniethom permezz tal-karità.

L-għożża kbira li għandha l-Knisja Kattolika għall-Altar, tidher ċar minn dak li jgħid l-Isqof fit-talba tad-dedikazzjoni tiegħu. Wara li jsemmi s-sagrifiċċji tar-Rabta l-Qadima li offrew lil Alla, Noe, Abraham u Mosè fuq Altari tal-ġebel li huma waqqfu, kif ukoll l-offerta safja tal-Patt il-Ġdid li Kristu, Saċerdot u Vittma temm fuq il-għuda tas-Salib, itemm it-talba b'dawn il-kelmiet: *"Ikun dan l-Altar, iċ-ċentru tat-tifħir u r-radd il-ħajr tagħna, sa' ma' naslu flimkien fis-Saltna ta' dejjem, fejn noffrulek Sagrifiċċju ta' tifħir li ma jintemm qatt, ma' Kristu, il-Qassis il-Kbir, u l-Altar ħaj tagħna li hu Alla, u miegħek igħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem."*

L-Altar huwa wkoll it-tron li fuqu joqgħod is-Sultan tal-glorja, meta jkun magħna fl-Ewkaristija. Jixraq, mela, li niftakru fit-tron tal-majestà t'Alla, li jissemma fl-Apokalissi, imdawwar minn erba' u għoxrin xiħ, lebsin l-abjad, b'kuruni tad-deheb fuq rashom. (Apok. 4,4). Xħin inkunu qrib l-Altar, fil-ħin tal-Quddiesa, jixraq li nilqgħu l-istedina li nsibu fl-ittra lill-Lhud (4,16). "Ħa nersqu mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex nilqgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu."

[1] *Ordinamento Generale del Missile Romano*




## Id-Devożżjoni tal-Madonna fl-Amerika t'Isfel

*Kitba ta' Fr. Vincent Magro MSSP*

Il-Kattoliċiżmu fl-Amerika Latina ġie mdaħħal mill-Ispanjoli u l-Portugiżi fis-seklu XVI u allura d-devozzjoni lejn il-Madonna kienet kbira.

Iċ-Ċile l-aktar pajjiż sud-Amerikan li għandu devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu. Infatti, sal-lum, fil-bandiera nazzjonali tagħhom hemm parti ta' kulur blu, barra l-ħafna parroċċi, toroq, pjazzez, persuni li huma msemmija għal Madonna tal-Karmnu.

Fil-Perù xejn anqas. Fil-belt ta' Arequipa hemm Santwarju dedikat lil Madonna taħt l-isem ta' "CHAPI" li huwa post diżabitat li jinsab xi 70 kilometru 'l bogħod mill-belt stess. Fl-ewwel ta' Mejju, eluf ta' nies imorru bil-mixi biex jisimgħu l-quddiesa ta' nofs-in-nhar li tkun iċċelebrata mill-Arċisqof tad-Djoċesi ta' Arequipa. Fil-Perù, l-maġġoranza tal-parroċċi, knejjes, kappelli huma ddedikati lil xi titlu tal-Madonna. Ngħidu aħna: Il-Madonna tar-Ružarju, il-Madonna tal-Karmnu, il-Madonna ta' Chapi etc.

Il-pajjiż li għandu l-iktar persuni kattoliċi fid-dinja huwa l-Brażil (ex-kolonja tal-Portugal). Hawn insibu Santwarju mill-ikbar iddedikat lil Madonna ta' Aparicida. Skont l-istorja kienet instabet statwa żgħira sewda minn xi sajjieda tal-post. Id-devozzjoni tant kienet kibret matul iż-żmien li dawn l-aħħar snin kellha timbena knisja li tesa' l-eluf ta' pellegrini li jaslu minn kullimkien, mhux biss mill-Brażil imma anke minn pajjiżi oħra bħal l-Amerika ta' Fuq, il-Kanada u l-Messiku.

Bla dubju ta' xejn hemm devozzjoni kbira u unika lejn il-Madonna ta' Guadalupe li tinsab il-Messiku. Din id-devozzjoni bdiet f'Diċembru ta' l-1531 ġewwa Tepeyac fejn il-Madonna deheret lil San Juan Diego, fejn il-Madonna ndikatlu fejn għandha tinbena kappella dedikata lilHa, bħala Omma Alla u tal-Bnedmin. Matul is-sekli li ġew wara, l-mażuni għamlu li setgħu biex jeqirdu din id-Devozzjoni li l-Messikani kellhom u għad għandhom lejn Marija. Is-Santwarju li kien jintuża ġraltu ħsara u ma setgħax jintuża aktar minħabba terremoti li ġraw. Inbena Santwarju ġdid li sar fl-1970 minn arkitetti u skulturi ta' fama fil-Messiku u mal-għaxar miljun pellegrin jżuru dan is-Santwarju.

F'pajjiżi bħal Arġentina u Kuba, insibu Santwarji li huma dedikati lill-Madonna taħt it-titlu ta' "La Virgen de le Caridad". Kull pajjiz Latin-Amerikan, għandu devozzjoni speċifika taħt titli differenti.

Sidtna Marija salvat lil Amerika Latina mill-invażjoni tas-setet Protestanti li jiġu mill-USA biex jeqirdu l-Kattoliċiżmu miġjub mill-Ispanjoli fis-seklu XVI.



## IL-PAPIET - Seklu V

*Kitba ta' Rev. Fr. Vincent Magro MSSP*

**San Simmaku** (498-514). Fi żmienu saret xiżma għaliex kulħadd kien jaqbel li jsir Papa, għalhekk inqala' ħafna nkwiet meta ġie magħżul Papa ieħor bl-isem ta' Lawrenz. Ir-Re ta' l-Italja, Teodoriku l-Kbir, kien qatagħha li Simmaku huwa l-vera Papa. Lawrenz ċeda u spiċċat ix-xiżma għalkemm is-segwaċi ta' Lawrenz baqgħu jaqilgħu l-inkwiet, anke xtered id-demm bejn iż-żewġ partiti.

**San Feliċ IV** (586-530). Ir-Re ta' l-Italja kollha għażel id-djaknu Feliċ sabiex isir Papa wara S.Ġwann I (523-526). Mexa tajjeb ħafna mar-Re tal-Goti (fl-Italja) u mal-Qorti tiegħu. Kellu jikkumbatti lil ereżija ġdida tas-semi-pelagjani, li kienet tgħid li mhux Alla jsejjaħ lil bnedem għal konverzjoni imma l-bniedem stess għandu jagħmel l-ewwel pass.

**San Silverju** (536-537). Kien iben il-Papa Ormisda (514-523). Għex fiż-żmien l-Imperatur Beżantin, Ġustinjanu I (Seklu VI) li ried jgħaqqad l-Italja ma' l-Imperu ta' l-Lvant. Inqala' nkwiet kbir bejniethom, speċjalment mal-Imperatiriċi Teodora, għaliex ma qagħadx għal dak li xtaqet hija. Wara l-eżilju tiegħu, miet bil-ġuħ u maltrattament fit-2 ta' Diċembru 537.

**San Ġwann II** (561-574). It-tieni Papa li biddel ismu. Fi żmienu, razza ta' nies Barbari jissejħu Lombobardi riedu jinvadu Ruma. Il-Papa ma riedx li jseħħeħ dan u għalhekk sejjaħ lil wieħed ħabib tiegħu – Narsis, imma n-nies ma' qablux miegħu għaliex kien bniedem riġidu ħafna. Fis-sena 572, Narsis miet u l-Papa setgħa jirritorna bil-kwiet biex ikompli t-treġija tiegħu bħala suċċessur ta' Pietru. Huwa miet fit-13 ta' Lulju 574.

**San Girgor il-Kbir** (590-604). Wieħed mit-tlett Papiet li jissejħu "KBIR". Kien bniedem kbir fil-qdusijat, għerf, enerġija u jħobb ħafna l-missjonijet, infatti fl-597 bagħat 40 patrijiet Benedittini taħt it-treġija ta' Santu Wistin ta' Canterbury biex jikkonvertu lil Inglizi, kif difatti hekk ġara. Kiteb ħafna trattati tat-Teoloġija li għandhom jeżistu sal-lum. Għex fiż-żmien meta l-Lombobardi kienu qed joqorbu lejn il-belt ta' Ruma. Fi żmienu kellu jikkumbatti kontra l-għargħar li ħlew u ħassru kwantità kbira ta' qamħ li kien maħżun fil-fosos ta' Ruma. Gwaj ieħor li laqgħat ukoll lil Ruma kienet il-pesta. Ammiratur kbir ta' San Girgor kien l-istess Teologu Dumnikan San Tumas D'Aquinu. Dan il-Papa miet fit-12 ta' Marzu 604.



**Esperjenzi fis-settur tas-saħħa - serje ta' artikli (6 + 7)**

***Kitba ta' Ernest Taliana - Ex. Nursing Manager***

Biex tagħmel xogħol ta' *nurse*, trid tkun iddedikat u jkollok il-vokazzjoni. Matul iż-żmien meta taħdem fis-swali differenti fejn tieħu ħafna esperjenza ta' mard differenti tibda' trabbi l-qoxra u stonku xieref li ma jiddejjaq minn xejn ma' dak li tiltaqa' miegħu.

Wara 8 snin mal-lebbrużi spiċċajt *'in-charge'* ġo sala tal-kiruġija (*surgery*). F'dawn is-swali jsiru każi ta' operazzjonijiet, uħud maġġuri bħal meta jneħħu xi parti mportanti tal-ġisem, u oħrajn minuri bħal ftuq, ċesti, tindif ta' feriti u oħrajn. L-ambjent hu differenti minn dak tal-mediċina. Fil-mediċina l-pazjenti, ħafna minnhom terġa tarahom wara xi żmien bl-istess kundizzjoni, fejn fil-kiruġija l-pazjent jidħol għal-kura, jiġi operat u jitlaq id-dar, normalment imfejjaq għal kollox sakemm ma jinqagħlux xi kumplikazzjonijiet straordinarji. Fis-sala tara ħafna fliexken imdendla (*drips* u *irrigation)* mat-tustieri tas-sodod, u ġieli ħafna pajpijiet ħergin minn ġol-pazjenti (*drains*), speċjament meta jkunu operati friski.

Il-pazjenti jqumu aktar malajr mis-sodod u normalment ikunu aktar indipendenti. Kemm fil-kiruġija u anke fil-mediċina ser issib każi ta' kanċer u kienu jieħdu l-kura hemmhekk għax dak iż-żmien ma kienx għad hawn l-isptar ta' l-Onkoloġija (SAMOC–Sir Anthony Mamo Oncology Centre) li għandna illum. Sptar attrezzat għal dan il-mard speċjalizzat, b'apparat modernissmu u kura iktar effettiva minn ta' żmien ilu.

Is-swali ta 'l-ortopedija (tal-ksur ta' l-għadam) tista' tgħid li huma swali wkoll ta' l-operazzjonijiet għax ħafna drabi min ikollu ksur kawża ta' xi waqa' minn xi għoli jew inċidenti tat-traffiku etc., jispiċċa operat biex jerġgħu jġibuh kemm jista' jkun qrib kif kien qabel. Qatt ma ser tiġi mija fil-mija. Fis-swali ta' l-ortopedija tara ħafna pazjenti fis-sodod, partijiet minn ġisimhom fil-ġibs, piżijiet (*weights*) imdendlin mas-sodod bil-ħbula biex iżommu l-parti miksura immobbli biex l-għadam jagħqad sew. Ħadid u pinnijiet ta' li- '*stainless steel*' biex iżommu l-għadam miksur fil-post oriġinali tiegħu. Dawn ġieli damu xhur fl-istess pożizzjoni fis-sodod. Immaġina xi dwejjaq u nervi jaqbduk. Allura aħjar wieħed joqogħod iktar attent u jevita kull periklu fejn jista', għax il-konsegwenzi huma kbar u jieħdu fit-tul biex ifiequ. Hawn min baqa' pparalizżat u spiċċa f'siġġu tar-roti għal-għomru. Kultant inċident ma' tistax tevitah. (*ikompli f'paġna* 7)



Fil-bidu li kont naħdem fis-swali uħud mill-użanzi li kellna fis-swali, illum inbidlu. Kien ikollna ħafna pazjenti anzjani b'mard kroniku, uħud minnhom jistennew post ġewwa l-SVPR (*St. Vincent de Paule Residence*) - (L-Ingieret). Ħafna minnhom kienu jiddeterjoraw u għalhekk il-Kappillan tal-għassa (il-*Father*) kien ikollu ħafna griżmi tal-morda x'jagħmel.

Dak iż-żmien kellna mejda żgħira fuq ir-roti li fuqha kien hemm kurċifiss, żewġ xemgħat, ftit tajjar ġo plattina u '*alcohol*' biex naħarqu t-tajjar mċappas biż-żejt tal-griżma wara li titlesta l-amministrazzjoni tal-Ġriżma tal-morda. Din il-mejda ġejja u sejra mal-ġurnata minn kamra għall-oħra. Aħna, bħala *nurses* konna nakkumpanjaw lill-kappillan tul il-proċess kollu bħala rispett.

Meta kien imut xi ħadd, wara li navżaw lill-qraba, konna indawru s-sodda tal-mejjet bil-paravendi, indendlu salib żgħir mat-tustiera tas-sodda, u nixgħelu xemgħa fuq l-isgambella (*locker*) tal-pazjent. Il-kappillan kien jiddokumenta fuq ktieb id-data ta' meta saret il-griżma tal-morda u d-data tal-mewt. Wara siegħa li t-tabib jiċċertifika il-mejjet, żewġ impjegati kienu ikeffnu l-moribond, u siegħa wara jinżel fil-kamra mortwarja. Lill qraba konna ngħidulhom biex iġibu l-ħwejjeq tal-kefen u meta ma iġibuhomx il-kadavru kien jidgeżwer kollu kemm hu go liżar u jinżel mis-sala. Kienet titwaħħal nota fuq il-liżar bl-isem tal-mejjet, età, minn fejn kien u d-data u l-ħin tal-mewt.

Bil-lejl, jekk il-mejjet kien ikollu xi affarjiet prezzjużi fuqu u xi oġġetti oħra ta' valur, konna niddokumentaw kollox fuq formola apposta bix-xhieda, niffirmaw u nqeduhom fis-*safe* tal-ward. Oġġetti ta' deheb/fidda kienu jinkitbu bħala '*yellow/white metal*' għax jistgħu jkunu ta' xi metal ieħor u mhux kif jidher. Il-qraba ma kellhomx dritt għal affarjiet prezzjużi jekk il-pazjent ikun laħaq miet qabel ma' jiġu huma. Fil-għodu, mis-*safe* tas-sala kien imbagħad jittieħdu għand l-*almoner* fis-*safe* ta' l-isptar. Il-qraba kienu imbagħad jiġbru l-oġġetti minn hemm wara li ssir verifika jekk għandhomx dritt għalihom. Jista' jkun hemm xi testment u ssib min jipprofitta ruħu u jingannak. Imbagħad jibda' l-inkwiet. Ma trid tafda lill-ħadd anki jekk tkun tafhom għax tista' tispiċċa il-qorti fuq kwistjonijiet familjari u tispiċċa bejn l-basla u qoxritha.

Niftakar lejl partikulari fix-xitwa, meta dħalna għax-xogħol fit-8pm sibna li kien hemm xi tlieta li kienu għadhom kemm mietu u sa' xi 11pm mitulna tlieta oħra. Ġbarna il-mejtin fis-sala ta' sitt sodod sakemm jiġu għalihom u bix-xemgħa tixhel ħdejn kull wieħed. Is-sala kont tistħajjilha xi kennierja. Illum il-mejda tal-Vjatku m'għadiex teżisti u l-kappillan jiġi jagħmel l-Griżma tal-morda mingħajr assistenza ta' xejn u ta' ħadd.